MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Numru. 597/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Shane Paul Muscat**

Kaz Numru: 597/2012

Illum 4 ta' Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Shane Paul Muscat**, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben John u Mary Rose neé Muscat, imwieled New York, Amerika, fit-8 ta' Settembru 1988, u residenti fil-fond numru 18, Triq Soppu, Nadur, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 75699(M) li gie akkuzat :

**talli fl-14 ta' Lulju 2012, ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija (7:45p.m.), waqt li kien fuq il-bahar fil-limiti ta' Ta' Cenc, Ghawdex:**

1. ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti Dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat), mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija tahthom bi ksur ta' Regolament 4(1)(a);

2. intenzjonalment iddisturba lil xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi waqt iz-zmien ta' tnissil u trobbija bi ksur ta' Regolament 4(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. ikkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. ikkaccja fuq il-bahar xi ghasfur mhux elenkat fit-Taqsima B tal-Iskeda II tar-Regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Regolament 5(3)(b) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. zamm jew garr arma tan-nar li kienet ikkargata, jew bl-iskratacc fil-kompartiment tal-iskratacc tal-arma, jew barra l-ghata taghha, f'post fejn mhux permess l-isparar fuq il-kacca u dan bi ksur ta' Regolament 17 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. waqt stagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar minn fuq il-bahar, garr waqt li kien fuq il-bahar (meta ma kienx qieghed jaqsam bejn Malta u Ghawdex bit-trasport pubbliku), xi munizzjon jew arma tan-nar li kellha licenzja

ghat-tehid tal-ghasafar u dan bi ksur ta' Regolament 18(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

7. ikkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta pariri jew flus lil haddiehor biex jikser xi disposizzjonijiet, jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Regolament 27(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

**U aktar talli fid-19 ta' Lulju 2012, ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00a.m.) u fis-snin ta' qabel, fil-fond 18, Triq Torri Sopu, Nadur:**

8. zamm xi ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid taghhom huwa projbit taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Kuluvert tas-Salib Tadorna tadorna; Brajmla Hamra Aythya nyroca; Kuccarda Permis apivorus; Baghdan Griz Circus pygargus; Gawwija Munqarha Rqiq Larus genei; Gawwija Prima Larus cachinnans; Rundun Zaqqu Bajda Apus melba; Farrug Coracias garrulus; Daqquqa tat-Toppu Upapa epops u Tajra Safra Oriolus oriolus, kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dawk l-ghasafar ma kienux gew iddikjarati u registrati mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma nghata l-permessi, jew ic-certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dawk l-ghasafar u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

9. zamm ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioé Kuluvert tas-Salib Tadorna tadorna; Brajmla Hamra Aythya nyroca; Kuccarda Permis

apivorus; Baghdan Griz Circus pygargus; Gawwija Munqarha Rqiq Larus genei; Gawwija Prima Larus cachinnans; Rundun Zaqqu Bajda Apus melba; Farrug Coracias garrulus; Daqquqa tat-Toppu Upapa epops u Tajra Safra Oriolus oriolus, meta dawk l-ghasafar ma kienux ittiehdu fi Stat Membru iehor fejn ikunu jistghu jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-Ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dawn l-ghasafar ma kienux migjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

10. naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta' kampjuni, il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dak il-kampjun ma kienx miksub kontra d-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

11. kellu fil-pussess tieghu xi ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III, u cioé Kuluvert tas-Salib Tadorna tadorna; Brajmla Hamra Aythya nyroca; Kuccarda Permis apivorus; Baghdan Griz Circus pygargus; Gawwija Munqarha Rqiq Larus genei; Gawwija Prima Larus cachinnans; Rundun Zaqqu Bajda Apus melba; u Farrug Coracias garrulus, li ma kinux gew registrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat u dan bi ksur ta' Regolament 21(5) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

12. kien fil-pussess ta' skratacc ikkargati b'comb ta' dijametru akbar minn 3.3 mm bi ksur ta' Regolament 22 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Semghet iz-zewg xhieda prodotti mid-difiza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 184 *et seq.*)

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 190 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jinghad illi din il-kawza kienet qieghda tinstema kontestwalment ma' tliet kawzi ohra kontra tliet imputati ohra differenti u li din hija r-raguni ghala waqt id-domandi maghmula lix-xiehda prodotti f'din il-kawza saru xi domandi mhux strettament relatati mal-kawza odjerna.

Illi, fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 102) gie verbalizzat is-segwenti: *"Il-Qorti taghmel referenza ghad-dokumenti GH 1 sa GH 19 esebiti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Muscat** (Kawza Numru 595/2012) u tiddikjara li dawn ghandhom jiffurmaw parti minn dawn il-proceduri"*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet (precizament l-ewwel sebgha (7) imputazzjonijiet) li jirreferu ghall-14 ta' Lulju 2012 u b'numru ta' imputazzjonijiet ohra (imputazzjonijiet bin-numri tmienja (8) sa tnax (12)) li jirreferu ghal meta saret it-tfittxija mir-residenza tal-imputat dakinhar tad-19 ta' Lulju 2012.

**<u>Imputazzjonijiet enumerati bin-numru wiehed (1) sa seba' (7)</u>**:

Illi, fir-rigward tal-imputazzjonijiet enumerati bin-numru wiehed (1) sa sebgha (7) il-Qorti ma jirrizultalhiex li dawn gew sodisfacentement pruvati u dana ghal diversi ragunijiet, fosthom:

(a) ma jirrizultax pruvat li l-imputat u shabu marru ghall-kacca;

(b) ma jirrizultax x'ghasafar kien ser jigi kkaccjat;

(c) apparti l-fatt li jista' jigi argumentat ukoll li l-Prosekuzzjoni pruvat sal-grad tal-probabbli l-*actus reus*, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat,

ma jirrizultax xejn aktar pruvat. Il-Qorti taqbel mad-difiza meta hija argumentat li biex jirrizulta li sar reat l-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-ragni kemm l-*actus reus* u l-*mens rea* tal-imputat. Ma jirrizultax sodisfacentment pruvat x'kienet il-*mens rea* tal-imputat;

(d) minkejja li jista' jigi argumentat li effettivament l-imputat kellu s-senter f'idejh, ma jirrizultax pruvat li l-arma kienet ikkargata jew li kellha skratacc fil-kompartiment taghha;

(e) ma giex sodisfacentement pruvat jekk fl-14 ta' Lulju 2012, l-istagun tal-kacca kienx maghluq jew le;

(f) minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-imputat ikkonfoffa jew ittanta, jew ghen biex jikser xi disposizzjoni taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi. L-istqarrijiet rilaxxati mill-persuni l-ohra li gew akkuzati flimkien mal-imputat m'humiex prova fil-konfront tal-imputat.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, stante li l-imputazzjonijiet enumerati minn numru wiehed (1) sa sebgha (7) ma gewx sodisfacentement pruvati, il-Qorti ser tghaddi biex tillibera lill-imputat minn tali imputazzjonijiet.

**Imputazzjonijiet enumerati bin-numru tmienja (8) sa hdax (11)**:

Illi, fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet, il-Qorti tibda billi taghmel riferenza ghax-xhieda moghtija minn Gilbert Haber fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 104 *et seq.*) u ghal dik moghtija minn Stanley Gatt fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2012, u kif ukoll b'mod partikolari ghal Dok. "GH 12" (*a fol.* 183 *et seq.* ta'

kaz numru 595/12), Dok. "GH 13" (*a fol.* 186 *et seq.* ta' kaz numru 595/12) u Dok. "GH 14" (*a fol.* 188 ta' kaz numru. 595/12).

Illi riferenza sejra ssir issa ghal dak li qal l-imputat fl-istqarrija (Dok. "BS 2" – *a fol.* 137 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija. Jibda billi jinghad li qabel giet mehuda l-istqarrija tal-imputat, l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu izda huwa rrifjuta li jaghmel dan. Fl-istqarrija rilaxxata minnu, l-imputat ikkonferma li fid-dar tal-genituri tieghu nstabu tajr mejjet fil-friza u wiegeb li dawn kien qabadhom madwar sentejn qabel u kien bi hsiebu jarmihom (*a fol.* 139). L-imputat ikkonferma wkoll li fid-dar tieghu kellu xi tajr ibbalzmat minghajr ma kellu il-permessi mehtiega sabiex izommhom. Il-Qorti taghmel riferenza ghal dokument immarkat bhala Dok. "BS 3" (*a fol.* 140) u ghax-xiehda moghtija mill-iSpettur Bernard Charles Spiteri fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 130 *et seq.*).

Illi d-difiza, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ghamlet riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Teddy Mercieca** deciza fid-19 ta' Lulju 2012 u kif ukoll ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Camilleri** deciza minn din il-Qorti kif preseduta fl-4 ta' Gunju 2012.

Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni **Il-Pulizija vs. Carmel Camilleri** deciza minn din il-Qorti kif preseduta fl-4 ta' Gunju 2012, il-Qorti kienet qalet li f'kaz li l-Qorti kienet tiskarta dak li Gilbert Haber u Stanley Gatt xehdu dwar dak li kien qalilhom l-imputat, xorta wahda jirrizulta mill-bqija tal-provi u mid-dokumenti ezebiti li l-imputazzjoni in kwistjoni kienet giet sodisfacentement pruvata.

Illi dan japplika ghall-kaz odjern fis-sens illi f'kaz li l-Qorti tiskarta dak li Gilbert Haber u Stanley Gatt xehdu dwar dak li kien qalilhom l-imputat, xorta wahda jirrizulta minn dak konstatat minnhom u mid-dokumenti ezebiti li l-imputazzjonijiet immarkati min numru tmienja (8) sa hdax (11) gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghhom.

**Imputazzjoni enumerata bin-numru tnax (12)**:

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghax-xhieda moghtija minn Gilbert Haber fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2013 (precizament *a fol.* 109-110), ghal Dok. "GH 18" (*a fol.* 208 ta' kaz numru 595/12), ghax-xhieda moghtija mill-iSpettur Bernard Charles Spiteri fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 132) u ghal Dok. "BS 4" (*a fol.* 141) minn liema jirrizulta li din l-imputazzjoni giet ukoll sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss l-imputazzjonijiet enumerati bin-numru tmienja (8) sa tnax (12) li gew sodisfacentment pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet li gew addebitati lill-imputat u li gew pruvati u kif ukoll il-fedina penali tal-imputat (Dok. "B" – *a fol.* 6 *et seq.*).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mit-tielet (3), mir-raba' (4), mill-hames (5), mis-sitt (6) u mis-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Regolamenti 4(1)(e), 4(1)(f), 21(5) u 22 u Skeda 1 tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Shane Paul Muscat hati tat-tmien (8), tad-disa' (9), tal-ghaxar (10), tal-hdax (11), u tat-tnax (12) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf euro (€ 1000.00).

Il-Qorti, wara li rat li uhud mill-ghasafar in kwistjoni huma nkluzi f'Skeda 1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna wkoll is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug fil-konfront tal-imputat taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u dana ghal zmien sena millum.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ghasafar li jinsabu ndikati f'Dok. "GH 13" (*a fol.* 186 ta' kaz numru 595/12), f'Dok. "GH 14" (*a fol.* 188 ta' kaz numru 595/12), u f'Dok. "BS 3" (*a fol.* 140 tal-kawza odjerna), u kif ukoll is-sitt skratac u z-zewg kaxxi *airgun pellets* ndikati f'Dok. "BS 4" (*a fol.* 141 tal-kawza odjerna) (Dok. "GH 18" – *a fol.* 208 ta' kaz numru 595/12, u Dok. "BS 1" – *a fol.* 210 ta' kaz numru 595/12).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------